It-testi oriġinali tan-NU/KEE biss għandhom effett legali skont id-dritt internazzjonali pubbliku. L-istatus u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu ċċekkjati fl-aħħar verżjoni tad-dokument tal-istatus NU/KEE TRANS/WP.29/343, disponibbli fuq: http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29fdocstts.html

L-emendi tal-2010 fir-Regolament Nru 77 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) – Dispożizzjonijiet uniformi li dwar l-approvazzjoni ta' lampi tal-ipparkjar għal vetturi bil-mutur

Emendi fir-Regolament 77 ippubblikat fil-ĠU L 130, 28.5.2010, p. 1.

Li jinkorporaw:

Is-suppliment 13 tal-verżjoni oriġinali tar-Regolament – id-Data tad-dħul fis-seħħ: id-9 ta' Diċembru 2010

Is-suppliment 14 tal-verżjoni oriġinali tar-Regolament – id-Data tad-dħul fis-seħħ: is-26 ta' Ġunju 2011

Emendi fil-Werrej

Il-Werrej, jiġi emendat biex jaqra:

"…

ANNESSI

Anness 1 – Komunikazzjoni dwar l-approvazzjoni jew estensjoni jew ċaħda jew irtirar ta' approvazzjoni jew produzzjoni mwaqqfa għal kollox ta' tip ta' bozza tal-ipparkjar skont ir-Regolament Nru 77

Anness 2 – Eżempji tal-arranġament ta' marki tal-approvazzjoni

Anness 3 – Angoli minimi meħtieġa għad-distribuzzjoni tad-dawl fl-ispazju

Anness 4 – Pożizzjonijiet fotometriċi

Anness 5 – Ir-rekwiżiti minimi għall-proċeduri ta' kontroll tal-konformità tal-produzzjoni

Anness 6 – Rekwiżiti minimi għal teħid ta' kampjuni minn spettur"

Emendi fit-test ewlieni tar-Regolament

Jiddaħħal paragrafu 6.3.3 ġdid, li jgħid:

"6.3.3. Modulu ta' sors tad-dawl għandu jkun iddisinjat b'tali mod li irrispettivament mill-użu tal-għodda jew l-għodod, ma jista jiġi skambjat mekkanikament mal-ebda sors sostitwibbli tad-dawl li jkun approvat."

Il-Paragrafi minn 8 sa 8.2, jiġu emendati biex jaqraw:

"8. PROĊEDURA TAT-TEST

8.1. Il-kejl kollu, fotometriku u kolorimetriku, għandu jsir:

8.1.1. Fil-każ ta' fanal b'sors ta' dawl li jista' jinbidel, jekk mhux fornut permezz ta' ger elettroniku ta' kontroll tas-sors ta' dawl b'bozza tal-filament standard bla kulur jew bil-kulur tal-kategorija stipulata għall-apparat, bil-vultaġġ neċessarju biex jiġi prodott il-fluss tad-dawl ta' referenza meħtieġ għal dik il-kategorija ta' bozza tal-filament.

8.1.2. Fil-każ ta' fanal mgħammar b'sorsi ta' dawl li ma jistgħux jinbidlu (bozoz tal-filament u oħrajn), f'6,75 V, 13,5 V jew 28,0 V, rispettivament.

8.1.3. Fil-każ ta' sistema li tuża ger elettroniku ta' kontroll tas-sors ta' dawl, li jkun parti mill-fanal (*) li japplika fit-terminali ta' dħul tal-bozza l-vultaġġ iddikjarat mill-manifattur jew, jekk mhux indikat, 6,75 V, 13,5 V jew 28,0 V, rispettivament.

8.1.4. Fil-każ ta' sistema li tuża ger elettroniku ta' kontroll tas-sors ta' dawl li ma jkunx parti mill-fanal, il-vultaġġ iddikjarat mill-manifattur għandu jiġi applikat fit-terminali tad-dħul tal-fanal.

8.2. Il-laboratorju tat-test għandu jirrikjedi mill-manifattur il-ger ta' kontroll tas-sors ta' dawl meħtieġ biex jiġu fornuti s-sors ta' dawl u l-funzjonijiet applikabbli.

(*) Għall-fini ta' dan ir-Regolament "li jkun parti mill-fanal" tfisser li jkun fiżikament inkluż fil-qafas tal-bozza jew li jkun estern, separat jew le, mill-qafas tal-fanal iżda fornut mill-manifattur tal-fanal bħala parti mis-sistema tal-fanal. Il-kundizzjonijiet tat-tħaddim u l-installazzjoni ta' dawn is-sistemi addizzjonali se jkunu definiti permezz ta' dispożizzjonijiet speċjali."

Jiddaħħlu paragrafi minn 8.3 sa 8.4 ġodda, li jgħidu:

"8.3. Il-vultaġġ li jrid jiġi applikat lill-fanal għandu jiġi nnotat fil-formola ta' komunikazzjoni fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.

8.4. Għandhom jiġu ddeterminati l-limiti tal-wiċċ apparenti fid-direzzjoni tal-assi ta' referenza ta' apparat li jagħti sinjal bid-dawl."

Il-Paragrafu 9, jiġi emendat biex jaqra:

"9. KULUR TAD-DAWL MITFUGĦ

Il-kulur tad-dawl mitfugħ fil-kamp tal-grilja tad-distribuzzjoni tad-dawl definit fil-paragrafu 2 tal-Anness 4 għandu jkun aħmar, abjad jew ambra. Għall-verifika ta' dawn il-karatterisitċi kolorimetriċi, għandha tiġi applikata l-proċedura tal-ittestjar deskritta fil-paragrafu 8 ta' dan ir-Regolament. Barra minn dan il-kamp ma għandha tidher ebda varjazzjoni mmarkata ta' kulur.

Madankollu, għal fanali mgħammra b'sorsi ta' dawl li ma jistgħux jinbidlu (bozoz tal-filament u oħrajn), il-karatteristiċi kolorimetriċi għandhom jiġu vverifikati mas-sorsi ta' dawl preżenti fil-fanal, skont is-subparagrafi rilevanti tal-Paragrafu 8.1. ta' dan ir-Regolament."

Il-Paragrafu 12.2, jiġi emendat biex jaqra:

"12.2. Għandu jkun hemm konformità mar-rekwiżiti minimi għall-konformità tal-proċeduri tal-kontroll tal-produzzjoni stabbiliti fl-Anness 5 ta' dan ir-Regolament."

Il-Paragrafu 12.3, jiġi emendat biex jaqra:

"12.3. Għandu jkun hemm konformità mar-rekwiżiti minimi għat-teħid ta' kampjuni minn spettur, stabbiliti fl-Anness 6 ta' dan ir-Regolament."

L-emendi fl-Annessi

L-Anness 1, il-Punt 9, jiġi emendat biex jaqra:

"9. Deskrizzjoni konċiża:

[…]

Kundizzjonijiet ġeometriċi ta' installazzjoni u varjazzjonijiet li jirrelataw, jekk dawn jeżistu:

Applikazzjoni ta' ger elettroniku għall-kontroll tas-sors tad-dawl/kontroll ta' intensità varjabbli:

(a) li jkun parti mill-fanal: iva/le/mhux applikabbli ([2])

(b) li ma jkunx parti mill-fanal: iva/le/mhux applikabbli ([2])

Vultaġġ(i) tad-dħul fornuti minn apparat elettroniku ta' kontroll tas-sors ta' dawl/kontroll ta' intensità varjabbli:

Manifattur ta' ger elettroniku għall-kontroll tas-sors tad-dawl/kontroll ta' intensità varjabbli u numru tal-identifikazzjoni (meta l-ger għall-kontroll tas-sors tad-dawl ikun parti mill-fanal iżda ma jkunx inkluż fil-korp tal-fanal):"

L-Anness 2, it-titlu, jiġi emendat biex jaqra:

"**EŻEMPJI TA' ARRANĠAMENT TA' MARKI TAL-APPROVAZZJONI**"

L-Anness 4, il-Paragrafu 3.1, jiġi emendat biex jaqra:

"3.1. Għal sorsi ta' dawl li ma jistgħux jinbidlu (bozoz tal-filament u oħrajn):

bis-sorsi tad-dawl preżenti fil-fanal, skont is-subparagrafu rilevanti tal-Paragrafu 8.1 ta' dan ir-Regolament."

L-Anness 5 għandu jitħassar.

L-Anness 6 (ta' qabel), jingħata numru ġdid bħala l-Anness 5.

L-Anness 5 (ġdid), il-Paragrafi 2.4 u 2.5, jiġi emendat biex jaqra:

"2.4. Karatteristiċi fotometriċi mkejlin u rreġistrati

Il-lampa fil-kampjun għandu jsir kejl fotometriku fuqha għall-valuri minimi fil-punti elenkati fl-Anness 4 u l-koordinati ta' kromatiċità meħtieġa.

2.5. Il-kriterji li jirregolaw l-aċċettabilità

Il-manifattur huwa responsabbli għal …

Il-kriterji li jirregolaw l-aċċettabilità għandhom ikunu tali li, b'livell ta' fiduċja ta' 95 fil-mija, il-probabbiltà minima ta' suċċess f'kontroll għall-għarrieda skont l-Anness 6 (l-ewwel teħid ta' kampjuni) tkun ta' 0,95."

L-Anness 7 (ta' qabel), jingħata numru ġdid bħala l-Anness 6.